FKNK

**Regolamenti Saljenti rigward**
**il-Kaċċa u t-Teħid tal-Fenek Selvaġġ**

Fl-2006 l-Avviż Legal 79, Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, ħassar r-Regolamenti dwar Il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, salv it-tifsira ta' "staġun magħluq" u d-dosposizzjonijiet li jirregolaw il-fenek selvaġġ.

Għaldaqstant ir-Regolamenti Saljenti rigward il-Kaċċa u t-Teħid tal-Fenek Selvaġġ li baqgħaw fis-seħħ permez tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.06 huma s-segwenti:

"staġun magħluq" tfisser -

(*d*) dwar it-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ:

(i) bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju ta' kull sena;
u

(ii) barra mill-perijodu msemmi fis-subparagrafu (i) u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 17, kull nhar ta' Ħadd u kull btala pubblika mis-siegħa ta' wara nofsinhar (1 p.m.) 'l quddiem;

"tieħu" u "teħid" tfisser li tieħu mis-selvaġġ, billi jintuża xi metodu ta' nsib.

**5.** (1) Il-fenek selvaġġ (*oryctolagus cuniculus*) li b'mod naturali jinsab fis-selvaġġ, f'Malta huwa protett:

Iżda l-kaċċa u t-teħid tal-fenek selvaġġ għanda isir skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, ebda persuna ma għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'xi mezz il-fenek selvaġġ, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha liċenza valida kif japplika, maħruġa mid-Direttur, u dik il-persuna tkun ħarset il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra.

(5) Kull persuna li tapplika għal liċenza tista' tiġi mitluba tagħmel eżami prattiku biex jiġi magħruf x'ħila għandha fl-użu u l-ġarr bla periklu ta' armi tan-nar.

**7.** (1) Ebda persuna li tkun qed tfittex, jew iddur għall-kaċċa, ma tista' tidħol f'għelieqi, raba', artijiet jew reċint ieħor ta' terzi persuni kontra r-rieda tagħhom.

(2) Jitqies li hemm din il-projbizzjoni fil-każ ta' għelieqi,

raba', artijiet jew reċint ieħor li jkun fihom il-miżrugħ jew l-imħawwel jew ħxejjex jew frott mhux maqlugħ jew maqtugħ.

11. (1) Ebda persuna ma għandha:

(*e*) matul l-istaġun magħluq għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ, tieħu jew tipprova tieħu, bi kwalunkwe mezz, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja għall-fenek selvaġġ:

Iżda fl-istaġun miftuħ għat-teħid tal-fenek selvaġġ,tista' tinħareġ liċenza għall-kaċċa lil wieħed li japplika u li jkollu karta ta' reġistrazzjoni li turi li hu bidwi sabiex dan ikun jista' jagħmel il-kaċċa tal-fenek selvaġġ fuq ir-raba' tiegħu stess, b'dan illi persuna li jkollha karta ta' reġistrazzjoni ta' bidwi tista' tgħaddi lil persuna oħra li tapplika, id-dritt tagħha li tagħmel il-kaċċa tal-fenek selvaġġ fuq ir-raba' tagħha;

17. (2) Ebda persuna ma għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, jew tieħu jew tipprova tieħu xi fenek selvaġġ bl-użu ta' dwal artifiċjali.

**20.** (1) Barra mill-istaġun magħluq, it-teħid tal-fenek selvaġġ jista' jsir biss permezz tan-nemes u l-kelb tal-fenek, u bix-xibka tal-fenek.

---

Kif intqal fil-bidu dawn huma biss ir-Regolamenti saljenti dwar kaċċa u teħid tal-fenek selvaġġ.

Voldiri, regolamenti oħra dwar kaċċa u teħid ta' għasafar, bħal santwarji, distanzi, numru ta' skrataċċ fil-'magazine' tas-senter, ħxuna taċ-ċomb, eċċ., eċċ., xorta japplikaw għall-kaċċa u t-teħid tal-fenek selvaġġ, għajr il-fatt li l-fenek selvaġġ jista jkun ikaċċjat permez ta' "air-rifle" ukoll minn min ikun hekk ukoll illiċenzjat.

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tħeġġeġ ukoll lill-kaċċaturi u n-'nassaba' tal-fenek selvaġġ biex jimxu mal-Kodiċi ta' Kondotta u Prattika tal-istess FKNK li jinsabu bil-Malti minn dan il-'link':

http://www.huntinginmalta.org.mt/uploads/24/782/FKNK-CODES_OF_CONDUCT__PRACTICE_FOR_RABBIT_SHOOTING_MT__2.pdf

u bl-Ingliż minn dan:

http://www.huntinginmalta.org.mt/uploads/24/781/FKNK-CODES_OF_CONDUCT__PRACTICE_FOR_RABBIT_SHOOTING_EN.pdf

jew jiġbru fuljett bl-istess informazzjoni mill-Uffiċini tal-FKNK.

FKNK
7 ta' Awissu 2011